MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2012

Citazzjoni Numru. 149/2000/1

**ANCAMS LIMITED**

vs

Robert **SCHEMBRI**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fis-27 ta’ Jannar, 2000, bil-proċedura sommarja speċjali li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-kumpannija attriċi talbet li din il-Qorti (a) taqta’ u tiddeċiedi l-kawża bla smigħ għall-finijiet tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta; (b) issib li l-imħarrek huwa debitur tagħha fis-somma ta’ elfejn mija u erbgħa u sebgħin lira Maltija u tmienja u għoxrin ċenteżmi (Lm 2,174.28)[1]; u (ċ) tikkundanna lill-istess imħarrek iħallasha s-somma ta’ elfejn mija u erbgħa u

[1] Li jġibu € 5,064.71 fi flus tal-lum

sebgħin lira Maltija u tmienja u għoxrin ċenteżmi (Lm 2,174.28). Talbet ukoll l-ispejjeż u l-imgħax legali;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tat-8 ta' Marzu, 2000[2], li bih awtorizzat lill-imħarrek biex jitħalla jikkontesta l-kawża u biex iressaq Nota tal-Eċċezzjonijiet;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-imħarrek fit-8 ta' Marzu, 2000, li biha laqa' għall-azzjoni attriċi billi qal li m'huwiex debitur tal-kumpannija attriċi fis-somma minnha mitluba. Fid-dikjarazzjoni maħlufa mehmuża mal-istess Nota tal-Eċċezzjonijiet, huwa stqarr li, mill-ammont mitlub, kellu jagħti biss ħames mija u sebgħa u tletin lira maltin u sitta u sebgħin ċenteżmi (Lm 537.76)[3] u li d-dokument mehmuż maċ-Ċitazzjoni huwa falsifikat;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tat-23 ta' Novembru, 2001[4], li bih tat direttivi lid-Direttur tal-Faċilita' Korrettiva f'Kordin biex jippermetti lil xhud detenut jaċċedi għal fond li fih kienu qegħdin jinżammu dokumenti li x-xhud kien jeħtieġ biex ikun jista' jagħti x-xhieda tiegħu f'din il-kawża;

Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet quddiem il-Qorti magħduda l-provi dokumentali;

Rat in-Nota mressqa mill-kumpannija attriċi waqt is-smigħ tat-22 ta' Ġunju, 2004[5], li bih naqqset it-talba tagħha għas-somma ta' elf mija u tlieta u sittin lira Maltin (Lm 1,163)[6], filwaqt li l-avukat difensur tal-imħarrek tenna li l-kontestazzjoni li kien għad fadallu dwar il-bilanċ ġdid pretiż mill-attriċi kien dwar fattura waħda;

Rat id-degriet tagħha tat-30 ta' Novembru, 2004[7], li bih iddikjarat magħluq l-istadju tal-ġbir tal-provi min-naħa tal-imħarrek;

[2] Paġ. 48 tal-proċess
[3] Li jġibu € 1,252.64 fi flus tal-lum
[4] Paġ. 93 tal-proċess
[5] Paġ. 226 tal-proċess
[6] Li jġibu € 2,709.06 fi flus tal-lum
[7] Paġ. 302 tal-proċess

Semgħet it-trattazzjoni tal-għeluq tal-avukat difensur tal-kumpannija attriċi (reġistrtata u traskritta)[8];

Rat id-degriet tagħha li bih tat lill-imħarrek żmien biex iressaq is-sottomissjonjiet tiegħu b'Nota, bi tweġiba għas-sottomissjonijiet magħmulin f'isem il-kumpannija attriċi;

Rat li l-imħarrek naqas li jressaq sottomissjonijiet minkejja ż-żmien lilu mogħti;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti li bihom il-kawża kienet inħollija għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' radd lura ta' flejjes miżmuma bla jedd minn impjegat fil-qadi ta' xogħlu. L-imħarrek kien impjegat mal-kumpannija attriċi u, waqt li kien ġabar xi ħlasijiet mingħand xi klijenti tagħha, naqas li jgħaddihom lilha kif kellu jagħmel. Il-kumpannija attriċi qiegħda titlob li jroddilha lura l-ħlasijiet li żamm għandu bla jedd;

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrek laqa' billi qal li ma kienx minnu li huwa kellu jrodd lura s-somma kollha li ntalbet fiċ-Ċitazzjoni. Huwa stqarr li kellu jrodd lura somma anqas minn dik mitluba;

Illi mill-<u>fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> jirriżulta li l-imħarrek kien impjegat ma' Ancams bħala *salesman*. Ancams għandha u tmexxi negozju ta' bejgħ u fornitura ta' oġġetti tal-ikel lil stabilimenti kummerċjali: tbigħ kemm bl-ingrossa u kif ukoll bl-imnut. L-imħarrek għamel madwar xahrejn jaħdem ma' Ancams[9];

Illi parti mix-xogħol tal-imħarrek kien li, minbarra li jbigħ prodotti li tmexxi Ancams, jiġbor f'isimha l-ħlasijiet ta'

[8] Paġġ. 299 sa 301 tal-proċess
[9] Xhieda ta' Carmen Micallef 15.5.2000, f'paġ. 55 tal-proċess

konsenji li Ancams tkun għamlet lil klijenti tagħha. Bejn Novembru u Diċembru tal-1999, l-imħarrek jidher li ġabar xi ħlasijiet mingħand klijenti ta' Ancams dwar fatturi li din kienet ħarġet għal konsenji ta' prodotti minnha lilhom konsenjati. Kien iħalli riċevuta f'isem Ancams, iżda mhux dak kollu li kien jiġbor kien jgħaddih lil Ancams[10];

Illi ntwera li, dak iż-żmien, l-imħarrek kien għaddej minn żmien iebes fil-ħajja tiegħu u kien jeħtieġ il-flus biex imantni vizzju qerriedi li dak iż-żmien hu kien dipendenti fuqu;

Illi f'Jannar tal-2000, Ancams ikkonfrontat lill-imħarrek bi prospett[11] dwar fatturi li ntbagħtu u ma kenux imħallsa u huwa ntrabat li sa tmiem dak ix-xahar irodd lura l-flus kollha li żamm;

Illi fis-27 ta' Jannar, 2000, infetħet il-kawża;

Illi għal dak li jirrigwarda l-<u>kunsiderazzjonijiet ta' xejra legali</u> l-Qorti ssib li l-kwestjoni kollha f'din il-kawża kienet marbuta mal-verifika tas-somma li l-imħarrek żamm f'idejh. Sa mill-bidu tal-kontestazzjoni tiegħu għall-azzjoni attriċi, l-imħarrek stqarr li kien żamm għalih xi ħlasijiet li kienu għaddewlu klijenti ta' Ancams mill-bejgħ tal-prodotti li din kienet għamlitilhom. Il-kontestazzjoni tiegħu, għall-bidu, kienet tirrigwarda s-siwi tad-dokumentazzjoni mressqa minn Ancams dwar il-fatturi li fuqhom kienet sejset it-talba tagħha, u kien qal li wħud mid-dokumenti kienu falsifikati. Dan daħħal lill-Qorti fi stħarriġ dwar l-istess provi dokumentali u s-smigħ ta' xhud – wieħed Eleno Beżżina – li kien imdaħħal ukoll fil-biċċa[12];

Illi, madankollu, ġara li matul is-smigħ ta' proċeduri kriminali meħuda kontra l-imħarrek, tressqet id-dokumentazzjoni t-tajba li biha l-ammont tassew miżmum mill-imħarrek għall-vantaġġ tiegħu kien determinat. Fuq il-bażi ta' din id-dokumentazzjoni, l-imħarrek kien stqarr il-ħtija tiegħu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta'

---

[10] Ara Dok "CM2", f'paġġ. 50 – 1 tal-proċess
[11] Dok "CM1", f'paġ. 49 tal-proċess
[12] Xhieda tiegħu 13.5.2003, f'paġġ. 103 – 4 tal-proċess

Ġudikatura Kriminali[13]. Jidher li Ancams innifisha għarfet is-siwi ta' dan kollu tant li hija stess ressqet kopja legali tad-dokumenti li jagħmlu parti mill-inkartament ta' dawk il-proċeduri[14], u aġġustat it-talba tagħha billi ressqet Nota ta' riduzzjoni tat-talba tagħha;

Illi dan juri li, għalkemm l-imħarrek tassew kien naqas minn dmirijietu lejn Ancams u kien tassew debitur tagħha sa minn qabel ma nfetħet il-kawża, kellu kull raġun jikkontesta s-somma mitluba u dan jixraq li jkun rifless fil-kap tal-ispejjeż;

Illi mill-bqija, l-Qorti għarblet b'reqqa l-għadd ta' dokumenti li Ancams ressqet biex issostni t-talba tagħha u tqis li, minbarra li l-istess skedi u dokumenti jaqblu u juru fatti li qajla wieħed jista' jmerihom, wara li saret in-Nota ta' riduzzjoni, l-imħarrek ma deherlux li kellu jressaq xi kontestazzjoni ulterjuri għal dak li kien qiegħed jintalab minnu. Kemm hu hekk, meta wasal iż-żmien li jressaq il-provi, naqas li jagħmel dan, u kif ukoll li jressaq is-sottomissjonijiet tiegħu, minkejja li, fin-Nota tal-Eċċezzjonijiet tiegħu kien stqarr li huwa jaf lil Ancams ammont anqas minn dak minnha pretiż imqar wara li ressqet in-Nota ta' riduzzjoni tagħha. Wara li Ancams kienet ressqet in-Nota ta' riduzzjoni tagħha, l-għaref difensur tal-imħarrek kien qal[15] li l-patroċinat tiegħu kien qiegħed jikkontesta ammont wieħed mill-prospett dokumentat li ressqet Ancams. Lanqas dwar din il-kontestazzjoni ma ressaq provi jew tela' jixhed imqar huwa nnifsu. Għall-kuntrarju, dik il-kontestazzjoni[16], kienet ribattuta bla tlaqliq minn Eleno Beżżina meta xehed li dik is-somma kien taha f'idejn l-imħarrek u li d-dokument tar-riċevuta kien kitbu quddiemu l-imħarrek innifsu;

Illi effett legali ieħor li joħroġ mill-atti hu li minkejja li l-imħarrek stqarr li biċċa mill-ammont mitlub kien tassew dovut minnu, naqas li joffrih lil Ancams jew li jiddepożitah b'ċedola taħt l-awtorita' tal-Qorti. Minħabba f'hekk, fuq is-somma li kien irid jagħti lil Ancams kien qiegħed jinġema'

---

[13] Maġ. 2.5.2003 fil-kawża ***Il-Pulizija (Spett Helga Debono) vs Robert Schembri***
[14] Paġġ. 110 sa 143 tal-proċess
[15] Verbal f'paġ. 224 tal-proċess
[16] Ara Dokti. "A2" u "10" f'paġġ. 7 u 272 tal-proċess

l-imgħax u dan, għall-anqas, minn dakinhar li hu laqa' n-notifika tal-atti tal-kawża;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tastjeni milli tqis aktar l-ewwel talba** fid-dawl tad-degriet mogħti fit-8 ta' Marzu, 2000;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** kif ridotta u ssib li l-imħarrek għandu jħallas lill-kumpannija attriċi s-somma ta' elfejn seba' mija u disa' ewro u sitt ċenteżmi (€ 2,709.06) rappreżentanti somma li l-istess imħarrek ġabar f'isem l-istess kumpannija attriċi waqt il-qadi ta' dmirijietu u żammha għalih bla ebda jedd;

**Tilqa' t-tielet talba attriċi** u tikkundanna lill-imħarrek iħallas lill-kumpannija attriċi s-somma ta' elfejn seba' mija u disa' ewro u sitt ċenteżmi (€ 2,709.06), flimkien mal-imgħaxijiet legali fuqha b'seħħ mit-3 ta' Frar, 2000, sal-jum tal-ħlas effettiv; u

**Tordna** li, bi tħaddim tar-regola miġjuba fl-artikolu 223(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, ladarba l-imħarrek kellu raġun jikkontesta l-ammont kollu mitlub mill-kumpannija attriċi, **kull parti tħallas l-ispejjeż tagħha**.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------